23 ta' Novembru, 1953.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Guido Abela pr. et ne. *versus* Francesco Borg et.

**Sekwestru — Bejgħ — Provvisti — Appalt —**
***Art. 382 (g) u 852 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.***

*Kuntratt magħmul mal-Gvern Ċivili fis-sens illi wieħed jieħu l-appalt ta' l-importazzjoni u ħażna ta' zokkor bil-patt li jbiegħu meta u lil min jgħidlu l-Food and Commerce Control Officer bil-prezz fissat mill-Gvern, u bil-patt ukoll illi, jekk il-prezz tal-bejgħ awtorizzat mill-Gvern ikun orħos minn dak imsemmi fl-offerta ta' l-appalt, il-Gvern jirrifondi lill-appaltatur id-differenza, waqt li, fil-każ li l-prezz tal-bejgħ ikun ogħla mill-prezz ta' l-appalt, il-kuntrattur iħallas id-differenza lill-Gvern, huwa negozju ġuridiku ta' bejgħ; u s-somom li l-kuntrattur jista' jkollu jieħu minn għand il-Gvern għad-differenza bejn il-prezz tal-bejgħ effettiv u l-prezz indikat fl-appalt ta' l-importazzjoni u ħażna, jirrappreżenta supplement, u għalhekk parti reali u effettiva, tal-prezz ta' provvisti importati u mibjugħa lill-Gvern.*

*Dawk is-somom talvolta dovuti mill-Gvern lill-kuntrattur ma humiex sekwestrabili.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li bih l-attur proprio et nomine, wara li ppremetta illi huwa kuntrattur tal-Gvern Ċivili għall-fornitura ta' 2125 tunnellata zokkor, li għandhom jiġu forniti lill-publiku skond l-ordnijiet tal-F.C.C.O. (Dok. A) ; u illi l-konvenuti, b'mandat kawtelatorju tat-28 ta' Awissu 1953, issekwestraw f'idejn it-Teżorier tal-Gvern u l-Kollettur tad-Dwana, għal pretiż kreditu tagħhom ta' £11,500, kwalunkwe somma li għandhom jew jista' jkollhom l-istess Teżorier tal-Gvern u l-Kollettur tad-Dwana ; talab illi, skond it-termini ta' l-art. 382 u 852 tal-Kodiċi tal-Proċedura, jiġi dikjarat li l-imsemmi mandat ta' sekwestru huwa null in kwantu jikkolpixxi kwalsijasi somma ta' flus dovuta mill-Gvern Ċivili lill-attur in konnessjoni ma' l-imsemmi kuntratt tal-fornitura taz-zokkor. Bl-ispejjeż ;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tat-8 ta' Ottubru 1953, li biha ġiet milqugħa t-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenut ; billi dik il-Qorti kkunsidrat ;

Illi l-attur qiegħed jitlob li jiġi dikjarat null il-mandat ta' sekwestru riferit fl-att taċ-ċitazzjoni in kwantu dak il-mandat jikkolpixxi flus lilu dovuti mill-Gvern Ċivili in konnessjoni mal-kuntratt imsemmi fl-istess att taċ-ċitazzjoni, li, kif jirriżulta mid-dokumenti prodotti ma' dak l-att, huwa

kuntratt bejn l-attur nomine u l-Gvern Civili għall-importazzjoni, *magazzinaġġ* u provvista ta' zokkor lil persuni awtorizzati fiż-żmienijiet stabbiliti mill-Uffiċjal għall-Kontroll ta' l-Ikel u tal-Kummerċ; u kwindi ma jistax ikun hemm dubju li l-flus dovuti mill-Gvern in konnessjoni ma' dak il-kuntratt għall-provvista taz-zokkor, kif fuq intqal, jaqgħu taħt id-dispożizzjoni ta' l-art. 382 (g) tal-Kodiċi tal-Proċedura Civili; skond liema dispożizzjoni, reża applikabili għall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bid-dispożizzjoni kontenuta fl-art. 852 ta' l-istess Kodiċi ċitat, ma jistgħux joħorġu mandati ta' sekwestru fuq flus dovuti minn Dipartimenti tas-Servizzi Publiku, Civili, Militari, Navali, jew tal-Forzi ta' l-Ajru, għall-prezz ta' xogħlijiet jew provvisti; u kwindi l-mandat riferit fl-att taċ-ċitazzjoni huwa null u qatt ma kellu eżistenza legali in kwantu jikkolpixxi l-flus li jistgħu jkunu dovuti lill-attur proprio et nomine in konnessjoni mal-kuntratt fuq imsemmi għall-fornitura ta' zokkor; u għalhekk it-talba ta' l-attur għandha tiġi milqugħa;

Illi ma tistax tiġi milqugħa l-pretensjoni tal-konvenuti Borg proprio et nomine fis-sens li l-kawża saret prematurament u inutilment. Ma saretx inutilment, għaliex, għalkemm l-att huwa null, mill-bidu mingħajr eżistenza legali, iżda l-*kontroversji fuq in-nullità jew fuq l-eżistenza tiegħu għandhom jiġu riżoluti mill-awtorità ġudizzjarja* ("Cachia vs. Mizzi", Kollez. Vol. XVIII, parte III, paġ. 148); u għalkemm minn nota ta' l-eċċezzjonijiet jista' forsi jidher li l-konvenuti Borg ma kellhomx l-idea li jqajmu kontroversja fuq in-nullità tal-mandat in kwantu jikkolpixxi l-imsemmija flus, iżda l-kontroversja qajmuha waqt id-dibattitu, billi ssottomettew illi l-flus mhumiex, jew ma kienux, dovuti għal provvisti kif dawn huma intiżi mid-ċitata dispożizzjoni ta' l-art. 382 (g) tal-Kodiċi ċitat; u dan jur wkoll li l-kawża ma saretx prematurament. Il-kawża lanqas tista' tiġi kunsidrata prematura, għar-raġuni illi, kif huwa nôt, il-fornituri taz-zokkor, bħal oġġetti oħra kollha razzjonati, isiru minn żmien għal żmien f'ċerti perijodi qsar determinati, u jkun hemm il-perikolu li l-attur ma jitħallasx jekk is-sekwestratarji ma jkollhomx id-dikjarazzjoni ġudizzjarja tan-nullità tas-sekwestru;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti Borg, li biha appellaw mis-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti tal-Kummerċ tat-8 ta' Ottubru 1953;

Rat il-petizzjoni tal-konvenuti appellanti Borg, li biha dawn talbu r-revoka tas-sentenza appellata u ċ-ċaħda tat-talba ta' l-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi fl-art. 382 (g) u 852 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili l-liġi tiddikjara mhux suġġetti għas-sekwestru s-somom li jkollu jagħti Dipartiment tas-Servizz Publiku għal prezz ta' xogħlijiet jew provvisti;

L-attur daħal f'kuntratt mal-Gvern Ċivili, u ħa l-appalt ta' l-importazzjoni u ħażna ta' 2125 tunnellata zokkor, bil-patt li jbigħu meta u lil min igħidlu l-Food and Commerce Control Officer, bil-prezz iffissat mill-Gvern, u bil-patt ukoll li, jekk il-prezz tal-bejgħ awtorizzat mill-Gvern ikun orħos minn dak imsemmi fl-offerta ta' l-appalt, il-Gvern jirrifondilu d-differenza, waqt li fil-każ li l-prezz tal-bejgħ ikun ogħla mill-prezz ta' l-appalt, allura l-attur kellu jħallas id-differenza lill-Gvern. Billi, għalhekk, jista' jagħti l-każ li l-attur ikollu jew għandu jieħu minn għand il-Gvern dik id-differenza fil-prezz, l-appellanti jippretendu li dik id-differenza hija sekwestrabili, għax isostnu li din mhijiex il-prezz ta' provvisti, peress li l-prezz jippresupponi l-bejgħ, u bejgħ jippretendu li ma kienx hemm;

Ikkunsidrat;

Illi fil-fatti, meta wieħed jikkunsidra l-patti ta' l-appalt u s-sustanza ta' l-operazzjoni u negozju ġuridiku magħmul mill-attur mal-Gvern, jidher ċar li n-negozju ġuridiku huwa

bejgħ, u dik id-differenza mhix ħlief supplement tal-prezz, li l-Gvern intrabat li jħallas biex jagħmel tajjeb għat-telf li xort'oħra jista' jkollu l-attur fl-importazzjoni u ħażna taz-zokkor. U tabilħaqq, fir-realtà, taħt il-kondizzjonijiet fuq rilevati u imposti fl-appalt, l-attur ikun qiegħed ibiegħ iz-zokkor lill-Gvern, biex il-Gvern jerġa' jbiegħu lill-partikular, b'arranġament li l-konsenja, flok li ssir lill-Gvern, issir direttament mill-importatur, li jirċievi direttament il-prezz minn għand il-partikular, jiġifieri minn għand in-nies indikati mill-Gvern; tant li t-telf u l-qliegħ jibqgħu għall-Gvern. Meta l-importatur jagħmel il-konsenja u jirċievi l-flus minn għand il-partikular, huwa jaġixxi bħala mandatarju tal-Gvern kumpratur; u b'daqshekk ma tirbiddelx in-natura ta' bejgħ tan-negozju ġuridiku in kwistjoni. Għaldaqstant is-somom ta' flus li l-attur jista' qatt ikollu jieħu minn għand il-Gvern għad-differenza bejn il-prezz tal-bejgħ effettiv lill-partikular u l-prezz indikat fl-appalt ta' l-importazzjoni u ħażna, jirrappreżentaw supplement, u għalhekk parti reali u effettiva tal-prezz ta' provvisti importati u mibjugħa għal kont tal-Gvern, u għalhekk mhumiex suġġetti għas-sekwestru;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti inkwantu kompatibili ma' dak li ntqal fuq, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti; salv l-effetti tal-mandat tas-sekwestru rigward somom oħra ta' l-attur, talvolta dovuti għal kawżi diversi minn dawk imsemmija fl-art. 382 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.